MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1043/2009

**Josephine Abela**

**-vs-**

**George Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2009 fejn ġie premess:

Dikjarazzjoni dwar l-oġġett tal-kawża

1. Illi l-esponenti hija proprjetarja tal-porzjoni diviża mill-għalqa li qiegħda fil-limiti tal-Ħamrun, imsejħa 'Tar-Rabbat', liema porzjoni hi ndikata bin-numru sitta (6) u ċirkondata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dok

A, li għandha l-kejl superfiċjali komplessiv ta' ċirka mitejn u tletin metri kwadri  (230 $m^2$).

2. Illi l-imsemmija proprjeta' ddevolviet fuq l-esponenti permezz ta' żewġ testmenti *unica charta*, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, u ċjoe' wieħed datat 30 ta' Lulju 1998 (dok B) u l-ieħor 4 t'Ottubru 2002 (dok C) u l-esponenti ġiet imqiegħda fil-pussess ta' din l-art permezz ta' att għall-immissjoni fil-pussess fl-atti tal-istess Nutar Joseph Henry Saydon datat 9 t'Ottubru 2008 (Dok D).

3. Illi l-konvenut qiegħed jokkupa l-fuq imsemmija art mingħajr ebda titolu kawalunkwe fil-liġi.

4. Illi hija għalhekk dovuta lill-esponenti somma flus li għad trid tiġi likwidata, rappreżentanti kumpens għall-okkupazzjoni llegali ta' din il-porzjon art da parti tal-konvenut, għal tul il-perjodu kollu li ilu hekk jokkupaha.

5. Illi għalkemm debitament interpellat permezz ta' ittra uffiċjali, sabiex joħroġ u jiżgombra mill-art fuq imsemmija, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Raġuni tat-Talba

Illi b'hekk jiġi illi l-konvenut qed jokkupa l-imsemmija art mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Talba

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda bil-qima titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara li l-konvenut qiegħed jokkupa l-porzjoni diviża mill-għalqa li qiegħda fil-limiti tal-Ħamrun, imsejħa 'Tar-Rabbat', liema porzjoni hi ndikata bin-numru sitta (6) u ċirkondata bl-aħmar fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dok A, li għandha l-kejl superfiċjali komplessiv ta' ċirka mitejn u tletin metri kwadri  (230 $m^2$), mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u

2. Tikkundannah sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombra mill-imsemmija art u jirrilaxxaha favur l-esponenti ħielsa minn kull xorta ta' okkupazzjoni, u fin-nuqqas li jagħmel dan, li l-esponenti tkun tista' toħroġ il-mandati eżekuttivi opportuni għall-iżgumbrament tiegħu mill-imsemmija art;

3. Tillikwida ammont ta' flus dovut mill-konvenut lill-esponenti bħala kumpens għall-okkupazzjoni *da parte* tal-konvenut ta' din il-biċċa art u dan għall-perjodu kemm ilu jokkupaha.

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-esponenti l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' ittra uffiċjali tas-26 ta' Marzu 2009, u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-attriċi kontra l-konvenut, u bil-konvenut minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ppreżentata fil-21 ta' April 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi din il-Qorti ma hiex kompetenti *ratione materiae* biex tisma' din il-kawża *stante* li l-esponenti għandu titolu ta' qbiela fuq l-art in kwistjoni u għalhekk il-kompetenza hija tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri tar-Raba';

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni suesposta t-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

3. Illi huwa għandu dritt li jokkupa l-porzjon ta' art imsemmija fir-rikors ġuramentat tal-attriċi *stante* li huwa għandu titolu ta' qbiela fuq din l-art u art oħra ikbar li huwa ngħata mill-mejjet missieru Emanuel Falzon lilu liema qbiela hija fl-ammont ta' €349.50 fis-sena u li titħallas regolarment;

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li qed tiġi minn issa nġunta in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Żammet aċċess

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Diċembru 2012 li permezz tiegħu l-partijiet laħqu ftehim u talbu li tingħata sentenza skond l-istess verbal.

**Għal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tordna l-konvenut biex jiżgombra mill-art in kwistjoni favur l-attriċi sal-31 ta’ Dicembru 2012.**

**Spejjeż ikunu bla taxxa  bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------